

Brussell, 30 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13634/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0810(CNS)

DAPIX 330
CRIMORG 139
ENFOPOL 519
ENFOCUSTOM 213
JAI 1059

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9089/18; 11284/18
Suġġett:	Deċiżjonijiet ta' Prüm - DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI dwar it-tnedija fil-Kroazja tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika

1. Fil-laqgħa tiegħu tal-**25 ta' Ġunju 2018**, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal- Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (DAPIX) approva r-rapport taż-żjara ta' evalwazzjoni rigward l-iskambju ta' **data dattiloskopika** għall-**Kroazja** (9087/18 DAPIX 142 CRIMORG 69 ENFOPOL 248 ENFOCUSTOM 111 JAI 503) kif ukoll ir-rapport ġenerali (9089/18 JAI 440 DAPIX 143 CRIMORG 70 ENFOPOL 249 ENFOCUSTOM 103) ibbażat fuq il-kwestjonarju, żjara ta' evalwazzjoni u prova pilota.
2. Fil-laqgħa tad-DAPIX tal-**25 ta' Ġunju 2018**, ġie rikonoxxut li kull Stat Membru marbut bid-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI jaqbel li ġew issodisfati l-kondizzjonijiet biex il-Kunsill jikkonkludi li għall-finijiet ta' skambju awtomatizzat ta' **data dattiloskopika**, il-**Kroazja** implimentat b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali fir-rigward tal-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.

3. Konsegwentement, fis-**16 ta' Ġunju 2018** il-Kunsill adotta l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI li jikkonċernaw il-**Kroazja** fir-rigward tal-iskambju awtomatizzat ta' **data dattiloskopika** (11225/18 DAPIX 236 CRIMORG 101 ENFOPOL 386 ENFOCUSTOM 158 JAI 780).
4. Kif meħtieġ mid-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Trattat, fit-**3 ta' Awwissu 2018** il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta l-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' **data dattiloskopika** fil-**Kroazja**, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 11284/18 DAPIX 244 CRIMORG 108 ENFOPOL 394 ENFOCUSTOM 165 JAI 792.
5. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-**24 ta' Ottubru 2018**.
6. *Abbażi ta' dan, il-COREPER qed jintalab*
 - *jippreżenta r-rapport ġenerali* (9089/18 JAI 440 DAPIX 143 CRIMORG 70 ENFOPOL 249 ENFOCUSTOM 103) *lill-Kunsill, u*
 - *jistieden lill-Kunsill biex jadotta bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data dattiloskopika fil-Kroazja* (11284/18 DAPIX 244 CRIMORG 108 ENFOPOL 394 ENFOCUSTOM 165 JAI 792).